ċimblor; taqa' qatra pitrolju bin-nar miegħu u l-ftila tat-tazza tixgħel. Bħal min kien iferra' ż-żejt fit-tazzi, dak li jixgħelhom kien spiss ukoll jitbandal bil-ħabel biex jixgħel il-faċċata tal-knisja.

© Guido Lanfranco



Landa (jew Kanna) taż-Żejt (Ritratt tal-Awtur)



Landa tal-Miċċa (Ritratt tal-Awtur)




Id-Dar tal-Publikazzjonijiet *Wise Owl* tar-Rabat, ħarġet il-ktieb **Żwieġ,Twelid u Mewt - Drawwiet u Tradizzjonijiet**, li jaħbat is-sitt ktieb ta' Gwido Lanfranco li ħarġet din id-ditta s'issa, u l-24 ktieb li ppubblika dan il-President Onorarju tal-Għaqda tal-Folklor li tant ħadem fir-riċerka dwar dak kollu li hu Malti.

Il-ktieb jiġbor fih id-drawwiet Maltin li nies ta' ċerta eta kellhom ix-xorti jew l-isfortuna li għixuhom jew li semgħu bihom. Il-ktieb jinkludi tradizzjonijiet u drawwiet minsija li l-awtur sar jaf bihom mingħand nies anzjani li għixuhom jew li kienu semgħu bihom.

F'dan il-ktieb Gwido Lanfranco kiteb dwar it-tradizzjonijiet u drawwiet li jkopru l-ħajja tal-bniedem: it-twelid, il-puberta', ż-żwieġ u l-mewt. Dawn il-passaġġi ewlenin fil-ħajja umana, dejjem kienu t'importanza speċjali għall-familjari, qraba u ħbieb ta' kull wieħed u waħda minna. Dan għaliex il-bniedem minn dejjem kien iħoss il-bżonn li jaqsam il-ferħ u n-niket ma' ħaddieħor.

L-għejun tal-informazzjoni li l-awtur ikkwota f'dan il-ktieb ġejjin minn kull saff tas-soċjeta u min kull rokna tal-Gżejjer Maltin. It-tagħrif miġbur juri li bosta drawwiet ivarjaw f'xi dettalji jew saħansitra totalment differenti skond il-mezzi finanzjari ta' familja u oħra. Id-drawwiet ivarjaw anke minn raħal għal ieħor jew bejn belt u raħal. Kull drawwa ħija importanti għal istorja tal-folklor Malti.

**Żwieġ, Twelid u Mewt - Drawwiet u Tradizzjonijiet** hu ktieb importanti u nirrakomandah lil dawk kollha li japprezzaw il-folklor Malti, speċjalment liż-żgħar fl-eta li ftit li xejn għandhom iż-żmien jisimgħu dwar id-drawwiet u t-tradizzjonijiet Maltin u Għawdxin ta' l-imgħoddi.

**George Glanville**